# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**


***Minuti tal-Laqgħa Numru 42 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar t-Tlieta 5 ta' Novembru 2013 fis- 6.00 p.m.***

**Presenti**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A. Galea |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |

**42/01 Talba**

42/01/01 Il-laqgħa bdiet fis-6.10 billi ntqalet it-talba.

**42/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 41.**

42/02/01 Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u ffirmati l-Minuti 41/06. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv (SE) iffirmaw il-Minuti 41/06.

**42/03 Punti mtella'mill-Minuti tal-Laqgħa Nru. 41**

42/03/01 **Para 41/03/02 : *Tender* għax-xiri u installazzjoni ta' *lifter*:** Is-sejħa għall-offerti tal-*lifter* għad trid tinħareġ. Sadanittant is-SE ser tikteb lis-sezzjoni tal-iskemi speċjali fi ħdan id-Dipartment gall-Gvern Lokali (DGL) biex tagħti aġġornament fuq dan ix-xogħol.

42/03/02 **Para 41/03/03: It-Torri tas-Semoforu**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar *email* li bagħat is-Sur Stigter fejn talab li tinħareg ittra lill-MEPA dwar kif ser jintuża t-torri meta jinkera. Il-Kunsill unanimament qabel li tinħareġ din l-ittra. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li t-talba għall-approvazzjoni tal-kuntratt ta' kiri issa ntbagħtet għand is-Segretarju Parlamentari l-Onor Dr M Farrugia.

42/03/03 **Para 41/03/04:- Ġnien il-Paċi** – Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-bandli kollha weħlu u l-Ġnien infetaħ meta rċevejna ċ-ċertifikazzjoni mill-Engineer tal-kuntrattur li l-bandli l-ġodda huma *safe.* Hija nfurmat lill-Kunsill li l-bandla għall-bżonnijiet speċjali ma ġietx bil-*harness* tagħha. Hija intalbet biex tkellem lill-Kuntrattur dwar dan u ġġib stima. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jiġu mwaħħla tabelli li juri l-eta' tat-tfal li jistgħu jużaw l-bandli l-ġodda. Is-SE intalbet sabiex issegwi l-kont finali mingħand il-kuntrattur u tara li dan jiġi ċċertifikat mill-Perit D. Falzon.

42/03/04 **Para 41/03/05:- Fanal Sqaq il-Ħofra:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-*Contract Manager* bgħat l-istima tal-bozza fuq arblu li turi li din ser tiġi tiswa madwar €831. Il-Kunsill unanimament qabel li s-S.E. għandha tinforma b'dan lir-residenta li għamlet it-talba.

42/03/05 **Para 41/03/06: Ġnien tal-Ponta**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-SE ipproċessat it-tieni *progress payment request* imma il-*Paying Agency* ħallset lill-Kuntrattur terz biss tal-pagament. Is-SE talbet lill-Kuntrattur sabiex jgħaddilha l-irċevuta tal-VAT ħalli tkun tista' tgħaddi l-formoli għall-pagament li jmiss. Ġiet ippreżentata u approvata unanimament l-istima tal-ELC sabiex isiru xogħolijiet ta' *landscaping* fil-ġnien. Is-S.E. intalbet sabiex toħroġ il-*Works Order* lill-ELC kif ukoll issegwi mill-qrib mal-Perit Chris Grech l-applikazzjoni l-ġdida lill-MEPA.

42/03/06 **Para 41/03/07:- *Crash Barrier* eċċ.** Is-SE għandha tibgħat l-irċevuti fiskali tal-pagamenti li saru bil-*claim* lid-DLG ħalli ningħataw lura l-fondi mill-iskema.

42/03/07 **Para 41/03/08**:- **Triq San Gwann**: Il-Kunsillier Galea kien bgħat ritratti dwar it-Triq San Ġwann u s-S.E. għandha tikteb lit-TM dwar din it-triq kif ukoll sabiex isiru sinjali ġodda ħdejn ir-*roundabout* ta' Triq Jean De La Valette (Birguma *Bypass*).

42/03/08 **Para 41/03/10 *Aerobics***: Is-S.E. ikkonfermat li l-Kapillan offra li tista' tintuża l-Sala Parokkjali għall-programm tal-*Aerobics* għal sagħtejn kull sessjoni bl-istess ħlas ta' €250 għas-sena d-dieħla. Is SE għandha temenda il-ftehim mal-*Health Promotion Unit* dwar il-korsijiet tal-*Aerobics* għal matul l-2014 għal 3 programmi ta' 8 ġimgħat u 2 sessjonijiet kull darba.

42/03/09 **Para 41/03/11:- *Lift* tal-Uffiċċju tal-Kunsill**: Is-S.E. intalbet tibgħat *reminder* lill-*GO* sabiex jiġu jagħmlu l-*cable* tal-linja tat-telefon sal-kamra tal-*lift*.

42/03/10 **Para 41/03/13 : Talba numru 18113003197825** – Il-Kunsill unanimament approva li jsiru linji sofor fi Triq Caravaggio fid-dawra li hija *blindspot*. Is-SE għandha issegwi dan ix-xogħol. Is-SE infurmat lill Kunsill li għadha ma rrapportatx il-vettura li qed tħammeg biż-żejt l-istess triq peress li m'għandhiex in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

42/03/11 **Para 41/03/14**: ***After School Programme*:** Is-S.E. infurmat lill-Kunsill li l-*After School Programme* ġie iffinillizzat u kellu jibda l-għada l-Erbgħa 6 ta' Novembru 2013. L-iskola kellha madwar 35 applikant u minn dawn 3 studenti kellhom bżonn LSA. Is-SE qeda f'taħdidiet mal-Kunsill Malti għal-Isport u mal-iskola sabiex kemm jista' jkun it-tfal kollha ikunu jistgħu jieħdu sehem f'dan il-program.

42/03/12 **Para 41/03/15: Titqib għall-kontra l-influenza**:- Il-Kunsillier is-Sur Alfred Muscat informa lill-Kunsill li madwar 250 resident ħadu t-titqiba tal-vaccine tal-Influenza nhar is-Sibt, 26 t'Ottubru 2013. Il-Kunsill irringrazzja lill-Kunsillier Alfred Muscat li ħa ħsieb din l-inizjattiva u lin-*nurse* is-Sur Mark Pullicino u unanimament approva l-ħlas ta' €70 lis-Sur Mark Pullicino tas-servizz li ta.

42/03/13 **Para 41/03/16**: **Stimi għall-armar ta' dawl dekorattiv**: Is-SE infurmat lill-Kunsill li s-sejħa għal stimi ħalli fi Triq San Bartilmew u fil-Pjazza tal-Knisja jintrama d-dawl dekorattiv fix-xahar tal-Milied tagħlaq fid-19 ta' Novembru 2013.

42/03/14 **Para 41/03/18** : **Tabelli fi Triq Għaxqet l-Għajn** : Is-Sindku talab lis-S.E. ħalli toħroġ il-*purchase orders* lill-Koptasin għat-tabelli pendenti fosthom tal-*cul-de-sac* u tan-*No Entry for Heavy Vehicles*, tal-ħarsien tal-qanfud u taż-ħamma tal-indafa.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt

42/03/15 **Para 41/03/21 : Il-Milied fil-Pjazza**: Il-Kunsillier Fenech ta' iżjed dettalji dwar l-attivita' tal-Milied fil-Pjazza li ser tiġi organizzata mis-Sotto Kumitat Żgħażagħ fil-15 ta' Diċembru fejn fost oħrajn se jkun hemm wirja ta' karozzi *vintage*, *stalls* tat-*toys* u se tieħu sehem il-Banda tar-Raħal. Il-Kunsill unanimament qabel li jekk ikun hemm bżonn il-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bartilmew u Triq l-Oratorju jingħalqu għat-traffiku u fihom ma jkunx jista' jsir ipparkjar ta' vetturi. Għal dan il-għan għandu jinkera s-servizz tal-Gwardjani.

42/03/16 **Para 41/03/22: *Halloween Party* fis-*Searchlight Battery***: Il-Kunsillier Fenech informa lill-Kunsill li l-*Halloween Party* li saret fis-*Searchlight Battery* flimkien mal-Għaqda Dwal Ġodda (GħDG) kienet ta' suċċess kbir. Kulħadd ħa gost u l-atmosfera kienet sabiħa ħafna. Il-Kunsill unanimament irringrazzja lill-Kunsillier Fenech, lis-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ u tal-GħDG tal-organizazzjoni.

42/03/17 **Para 41/03/23: Ħarġiet Kulturali**: Il-Kunsillier Galea nforma lill-Kunsill li l-ħarġa kulturali li jmiss ser issir fis-26 ta' Novembru 2013 fejn ser issir żjara fil-Kċina tal-President u jkun hemm *coffee morning*. Din ġiet approvata unanimament mill-Kunsill.

42/03/18 **Para 40/07/10: Fuljett:-** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol tal-fuljett mixi b'ritmu sew. Ġew unanimament approvati r-reklami li ser jidhru fil-fuljett. Il-Kunsillieri ntalbu jibgħatu ritratt tagħhom kemm jista' jkun malajr flimkien mal-artiklu sabiex fil-laqgħa li jmiss titressaq l-ewwel *draft copy*.

42/03/19 **Para 41/05/02 : Vetturi fi Triq San Bartilmew waqt il-hin tal-iskola :** Is-SE infurmat li l-ittra lill-Pulizija għad trid tintbagħat.

42/05/20 **Para 41/05/03: Ilment dwar Triq ta' Birguma fil-konfini tal-Kunsill tan-Naxxar**. Is-SE infurmat li l-ittra lill-Kunsill Lokali tan-Naxxar għad trid tintbagħat.

42/05/21 **Para 41/06/09: Mizura 125 mill-*Majjistral Action Group*** – Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet issa fetħu. Is-SE intalbet sabiex tieħu ħsieb li tibgħat din l-applikazzjoni fil-ħin ħalli b'hekk jinkisbu fondi sabiex isir kisi bil-konkos ta' Sqaq il-Maħruq.

42/05/22 **Para 41/06/11: Kummiedja mill-Għaqda Teatrali Dwal Ġodda**. Il-Kunsillier Vincent A. Galea informa lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat Edukazzjoni, Kultura u Sport flimkien mal-Għaqda Dwal Ġodda kien ser itella l-kummiedja tas-Sur Lino Grech – l-Għaxar Kmandamenti fit-Teatru tal-Għargħur. Is-sehem mill-ispejjez għas-Sotto Kumitat għal din l-attivita' hu ta' €100. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill. Il-Kunsillieri u l-istaff tal-Kunsill huma mistiedna li jattendu.

42/05/23 **Para 41/06/13: Ittra mingħand is-Sindku tal-Comune di Chiaramonte-Gulfi.** Is-SE intalbet tibgħat ir-risposta li kienu ippreparaw il-Viċi Sindku Mark Azzopardi u l-Kunsillier Vincent A Galea lis-Sindku ta' Chiarmonte-Gulfi. Il-Kunsill irringrazzja lill-Viċi Sindku s-Sur Mark Azzopardi u lill-Kunsillier Galea tal-għajnuna.

42/05/24 **Para 41/07/02 Quddiesa għal ruħ ir-residenti li ħallewna.** Il-Kunsillier Alfred Muscat kien tkellem mal-Kapillan sabiex issir quddiesa u dan qallu li l-Knisja ma kienitx żammet dettalji tal-persuni li kienu mietu matul dawn l-aħħar tnax il-xahar. Il-Kunsill

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**


unanimament qabel li fiċ-ċirkustanzi ma jistgħux jintbagħtu inviti għal-qraba tal-persuni li mietu.

42/05/25 **Para 41/07/03: Tħawwil ta' siġar -** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-attivita' tat-tħawwil siġar fis-*Searchlight Battery* li qed tigi organizzata mal-HSBC Bank Malta plc ser issir nhar il-Ġimgħa 22 ta' Novembru 2013 fin-12.30. L-HSBC se jissussidjaw ix-xiri ta' 40 siġra li se jitħawwlu mill-*istaff* tal-HSBC flimkien mat-tfal tal-iskola. Is-SE ser titkellem mal-Prinċipal tal-Kulleġġ Maria Regina sabiex jiġu mistiedna it-tfal tal-Year 6 għal din l-attivita'. Għal din l-attivita' ser jattendi ukoll l-Onor Dr Jose Herrera. Din l-attivita' ser tkun parti mill-attivitajiet tal-20 sena tat-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill unanimament approva dan.

42/05/26 **Para 41/07/05: Xogħol Pendenti -** Is-SE infurmat li għadu għaddej ix-xogħol fuq is-sejħiet għal-offerti li hemm pendenti, fuq il-kuntratti tax-xogħol tal-ħaddiema l-ġodda tal-Kunsill u fuq is-sejħiet għal-kwotazzjonijiet.

**42/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

42/04/01 Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-data tal-laqgħa. Ġiet unanimament approvata ukoll l-iskeda tal-ħlasijiet li saru mill-*Petty Cash*.

**42/05 Ilmenti u Suggerimenti**

42/05/01 **Ilment 18113097200591** Talba biex titneħħa il-*bollard* li hemm fi Sqaq Warda. Il-Kunsill unanimament approva li titneħħa din il-bollard.

42/05/02 **Ilment 18113087201065** Talba sabiex jerġa jeħel fanal fi Triq il-Ġnien (Pjazza tad-Dejma). Il-Kunsill unanimament approva li jitwaħħal dan il-fanal hekk kif titkaħħal il-faċċata.

42/05/03 **Ilment 18113066201119** Talba sabiex isiru *double yellow lines* fi Triq Caravaggio ħdejn *Skin Beauty Salon* peress li hemm *blind corner*. Il-Kunsill unanimament approva din it-talba.

42/05/04 **Ilment 18113060201121** Talba sabiex titneħħa karozza mitluqa fi Sqaq fi Triq Mons. Luigi Catania. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-sid diġa intalab sabiex jirregolarizza ruħu.

42/05/05 **Ilment 18113061201122** Talba biex issir rampa fejn iċ-ċimiterju fi Triq San Gwann sabiex tiffaċilita' l-aċċess għal persuni li jużaw siġġu tar-roti. Il-Kunsill unanimament approva li tinġieb stima sabiex jinxtara l-materjal sabiex issir din ir-rampa.

42/05/06 Talba sabiex fejn hemm bżonn fin-niżla li twassal għal Wied id-Dis tittranġa bil-konkos. Il-Kunsill unanimament approva li jinxtraw żewġ jardi konkos sabiex isir dan ix-xogħol.

42/05/07 Il-Viċi Sindku s-Sur Azzopardi informa lill-Kunsill li l-kuntrattur tal-ġbir taż-żibel qiegħed jibda jgeddes il-boroz għal-ħabta tas-7 ta' filgħodu, mhux qed jiġbor il-boroz kollha u dan kollu imur kontra x'hemm stabilit fil-kuntratt. Is-SE infurmat lill-Kunsill li hija tkellmet mal-kuntrattur u infurmatu li huwa qed imur kontra l-kuntratt u jekk se jibda

jiġbor kmieni jkollu jerġa jmur jiġbor l-iskart għat-8.00 ta' filgħodu kif stabilit fil-kuntratt. Il-Kuntrattur qal li se jimxi skont il-kuntratt. Is-SE għal darba oħra intalbet biex toħrog *default notice* lill-Kuntrattur.

42/05/08 Il-Viċi Sindku informa li fi Triq Fidiel Zarb hemm bżonn li jsir il-*patching*. Il-Kunsill unanimament qabel li tinħareg *Works Order* lid-Dipartiment tad-Distretti.

**42/06 Korrispondenza**

**Ġiet innotata l-Korrispondenza elenkata fil-lista ipprezentata mis-SE.**

42/06/01 *MEPA EPC Board Decisions* – Il-Kunsill innota l-applikazzjonijiet għal zvilupp f'Hal Għargħur.

42/06/02 MEPA EPC Agenda – Il-Kunsill innota l-applikazzjonijiet għal żvilupp f'Ħal Għargħur. Is-SE intalbet issegwi mal-Perit Karm Farrugia tal-HSBC dwar meta ser jibda x-xogħol sabiex titwaħħal l-ATM tal-HSBC fi Triq San Ġwann.

42/06/03 DLG Memo 26 2013-Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali – Is-Sindku talab lill-Kunsillieri sabiex jinnominaw Ambaxxatur/Ambaxxatrici. Il-Viċi Sindku innomina lis-Sinj. Michelle Camilleri. Kunsill unanimament approva li s-Sinj Michelle Camilleri, jekk taċċetta, tkun l-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ. Il-Viċi Sindku ċempel lis-Sinj Camilleri sabiex jara jekk taċċettax in-nomina u s-Sinj Camilleri aċċettat. Is-Sinj Camilleri attendiet għal-parti mill-Laqgħa tal-Kunsill fejn is-Sindku, s-SE u l-Kunsillieri ferħula għal ħatra tagħha. Is-SE għandha tinforma lid-DGL bid-dettalji tas-Sinj. M. Camilleri.

42/06/04 Laqgħa mal-Presidenti tal-AKL – Is-SE għandha tieħu ħsieb tagħmel appuntament ma Dr Sant. Ġie deċiż li l-aħjar li l-laqgħa issir fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

42/06/05 Kerygma - Premju Żagħżugħ tas-sena 2013 – Il-Kunsillier Fenech se jieħu ħsieb jgħaddi din il-korrespondenza lil *Pre-Youths Group*.

42/06/06 Majjistral *Action Group*- M125 it-Tieni Sejħa. Il-Kunsill talab lis-SE biex tieħu ħsieb u tapplika mill-ġdid għal dawn il-fondi.

42/06/07 MCCA – Attivitajiet Kulturali – Is-SE intalbet biex tirrispondi din l-memo.

42/06/08 M QUIP CO Ltd- Ġnien il-Paċi. Il-Kunsill ħa nota ta' din il-korrispondenza. Ġie innotat li l-Kunsill ma fetaħx Ġnien il-Paċi qabel ma kellu ċ-ċertifikazzjoni mill-*Engineer* li l-apparat huwa *safe*.

42/06/09 DLG Memo 25/2013-Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2013-2014. Il-Kunsill unanimament approva li ssir applikazzjoni għal-fondi sabiex jerġa ssir il-Festival tal-Ħalib. Is-SE intalbet sabiex timla l-formola u tibgħata.

42/06/10 Golden Gate - *Euro Checking Machine*. Il-Kunsilli unanimament qabel li tinxtara din il-magna.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**


42/06/11 MOC Local Council Sports Awards 2013. Din il-korrespondenza ġiet innotata mill-Kunsill.

42/06/12 LCA Ċirkulari AKL Ċirk 73/2013 - Konferenza dwar l-uċu tal-enerġija alternattiva ġewwa l-gżejjer Maltin fit-28 u 29 ta' Novembru 2013. Din iċ-ċirkulari ġiet innotata mill-Kunsill.

42/06/13 M Quip Ltd *Play Equipment Certificate* DDT 25-10-2013. Dan iċ-ċertifikat għal-*play equipment* fi Ġnien il-Paċi ġie innotat mill-Kunsill.

42/06/14 MSDEC-PA - Seminar il-*Corinthia Palace Hotel* dwar żvilupp rurali. Dan is-seminar ġie innotat mill-Kunsill.

42/06/15 DLG MEMO 23/2013-LEAP-*Building the future together promoting social mobility-Presentation and Questionnaire*. Il-Kunsill talab lis-SE sabiex tirrispondi din il-memo u tibgħat il-kwestjonarju.

42/06/16 MEPA - *Public Meeting (Malta)-Proposed ODZ Policy*. Dan il-*meeting* ġie innotat mill-Kunsill.

42/06/17 DLG - MEMO 17/2013: *Live Streaming of Meetings*. Is-SE innotat din il-Memo.

42/06/18 DLG - Kwestjonarju dwar Servizzi Soċjali fil-lokalitajiet. Is-SE ser tirrispondi dan il-kwestjonarju.

42/06/19 DLG - Konferenza Stampa mal-Ambaxxaturi Lokali taż-Żgħażagħ. Din il-korrespondenza ġiet innotata mill-Kunsill.

42/06/20 D-Consulta Ltd. Is-SE ipprezentat stima mingħand l-*accountants* tal-Kunsill sabiex dawn jibdew jagħmlu ukoll l-*inputting* tal-*invoices*, tal-*payments* u *transfers, inputting* tad-*deposits* u *petty cash, reconciliation* u *reports* mis-SAGE. L-*accountants* qed jitolbu ħlas ta' €100 fix-xahar b'zieda mal-€150 li diġa qed jitħallsu skont il-kuntratt. Il-Kunsill innota li din iż-żieda tammonta għal-varjazzjoni fil-hlas tax-xahar ta' 66% u ma tistax tiġi aċċettata. Il-Kunsill kellu *Assistant Principal* li kienet qed tagħmel dan ix-xogħol imma din irreżinjat. Il-kumplament tax-xogħol l-ieħor relatat maż-żamma tal-kotba finanzjarji isir mill-*accountants*. L-istaff il-ġdid (is-SE u l-uffiċċjal eżekuttiv (UE)) ingħataw *handover* ta' dan ix-xogħol imma s-SE infurmat lill-Kunsill li dan l-*inputting* kollu u x-xogħol li jmur miegħu ma jistgħux jagħmluh huma imma jrid isir mill-*accountant*. Il-Kunsill kien approva wkoll li jekk huma iħossu l-bżonn kemm is-SE u l-*UE* jistgħu jattendu kors dwar is-SAGE u l-Kunsill iħallas tal-ispejjez kollha.

42/06/21 Talba għal-informazzjoni relatata ma ġita għal-Sqallija ta' ġurnata organizzata mis-Sotto Kumitat Edukazzjoni, Kultura u Sports. Il-Kunsill iddeċieda li din l-email tgħaddi għand il-Kunsillier Galea bħala Chairman ta' dan is-Sotto Kumitat sabiex jiġbor l-informazzjoni mitluba u jgħaddiha lis-SE sabiex tkun tista tirrispondi.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**


**42/07 Materja Oħra u Mistoqsijiet**

42/07/01 Is-SE ippreżentat ittra ndirizzata lid-Direttur tad-DGL fejn qeda titlob li 12-il ġurnata *vacation leave* mill-allokazzjoni ta' din is-sena jiġu posposti għas-sena 2014. Il-Kunsill unanimament approva l-akkumulazzjoni ta' dan il-*leave* għas-sena 2014 u talab li jiġi ippreżentat *Leave Planner* għas-sena 2013 li jkun juri kif ser jittieħed l-*leave* tal-istaff kollu.

42/07/02 Is-SE ippreżentat il-formola tal-*BOV 24-7 Services* sabiex il-Kunsill ikollu aċċess għal-*istatements* tal-Bank bl-*internet* minflok li joqgħod iħallas għal-*istatements*. Il-Kunsill ananimament approva din id-deċizzjoni. Sadanittant ġie innotat li l-*internet banking* mal-HSBC Bank Malta plc għadu pendenti.

42/07/03 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Supt. tal-Pulizija Simon Galea li issa huwa responsabbli mid-Distrett talab sabiex jiltaqgħa mal-Kunsillieri kollha. Il-Kunsill talab lis-Sindku sabiex jiġi irranġat appuntament.

42/07/04 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa talab lis-SE sabiex tagħmel appuntament ma *Green MT* sabiex jiġu diskussi l-ammonti dovuti lill-Kunsill, il-waqfa tal-ġbir tal-ħġieġ u l-proposta l-ġdida dwar il-ġbir tal-iskart riċikklat.

42/07/05 Il-Kunsill unanimament qabel li ssir ikla tal-Milied li għaliha ikunu mistiedna l-Kunsillieri u l-istaff tal-Kunsill. Il-Kunsillier Alfred Muscat ser jieħu ħsieb l-arranġamenti għal din l-ikla.

42/05/06 Il-Kunsillier Galea informa lill-Kunsill li s-Sur B. Murphy għadda lill-Kunsill donazzjoni ta' żewg kotba sabiex jitpoġġew fil-Librerija Pubblika. Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Murphy. Il-Kunsill unanimament qabel li l-Kunsillier Galea jieħu ħsieb jibgħat ittra ta' ringrazzjment lis-Sur Murphy.

42/07/07 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-laqgħa kellha tiġi fi tmiem peress li kienu saru kważi d-9.10 ta' filghaxija u l-laqgħa ma setgħetx tieħu iżjed minn 3 sigħat.

42/07/08 Is-Sindku ta dettalji dwar laqgħa li hu kellhu ma resident dwar proġett li dan ir-residenti kien qed jippjana għas-*Searchlight Battery*.

**42/08 Aġġornament**

42/08/01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-21.10 wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nhar t-Tlieta 19 ta' Novembru 2013 fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **21 ta' Novembru 2013** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |